MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 695/2007

**Mobi**
**sle Communications Limited (C 24655)**

**Vs**

**Charles Seychell**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta` Settembru, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u sitta u hamsin lira, tnejn u ghoxrin centezmu (Lm156.22), rapprezentanti bilanc ta` prezz dovut fuq contract number 2197 rigwardanti servizzi rezi fix-xhur ta` bejn Settembru, 2006 u April, 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 2 ta` Mejju, 2007 u ta` mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment ma` dana l-att u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-19 ta` Ottubru, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta` llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta` l-Att V ta` l-1995, it-Tribunal jilqa` t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` mija u sitta u hamsin lira, tnejn u ghoxrin centezmu (Lm156.22), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------